MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 21/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
v

**JOSEPH PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH PORTELLI** ta' wiehed u hamsin sena, bin Carmel u Margaret nee Portelli, imwieled n-Nadur, Ghawdex nhar t-tletin t'April 1955 u residenti 'JoeDor', Triq l-Wardija, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 28755G, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-Qala, Ghawdex, nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar voluntarjament ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Paul Buttigieg;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Carmen Buttigieg;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni w il-paci pubblika.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tohrog ordni ta' trazzin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom certifikat mediku mahrug mill-isptar Generali t'Ghawdex fil-konfront ta' Raymond Aquilina a fol. 9, l-affidavit ta' Doctor Patrick Sciberras a fol. 10, r-ritratti a fol. 17 u 21, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar s-sebgha ta' Gunju 2006 a fol. 23 , l-okkorrenza relattiva a fol. 27 et seq, l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2007 a fol. 33, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif wkoll l-iskizz esibit bhala Dok. Z minn Paul Buttigieg a fol. 91.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tad-dsatax t'April 2007 (fol. 42) li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hmistax ta' Jannar 2010.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed il-Konsulent Ortopediku Raymond Aquilina** (fol. 15) fejn ikkonferma li Paul Buttigieg attenda l-isptar Gnerali t'Ghawdex fid-Dipartiment tal-Emergenza nhar l-ghaxra ta'

Mejju 2006 wara li kien wegga' l-gharqub ta' saqajh x-xellugija. Ikkonferma li hemm kien irriskontra frattura fl-ghadma tal-gharqub li kienet f'diversi bicciet u dan kellu bzonn operazzjoni biex tigi msewwija.  Qal li fil-fatt hu operah nhar t-tmintax ta' Mejju 2006 w irriduca kif setgha l-frattura li kellu u saret *plate*.

Qal li Paul Buttigieg baqa' ma jistax jimxi sas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006.  Qal li dakinhar, biss beda jmissha ftit mal-art u fi zmien erbgha gimghat minn dakinhar sussegwentement beda jzid aktar piz fuqha.  Qal li dan inzamm taht ghajnejhom ghal zmien bhala *out patient*. Qal li l-ahhar li rah kien nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 fejn irriskontra li kellu l-gok ta' taht l-ghaksa li kien iebes.  Qal li fin-normalita hu li suppost ikollok l-moviment t'*aversion inversion* u Paul Buttigieg ma kellux dan il-moviment, kien nieqes. Qal li dan huwa kumplikazzjoni normali ta' dan t-tip ta' ksur.  Zied jghid li dan ser ikollu diffikulta fuq art li tkun raffa peress li ma jkunx jista jimxi seww anke meta jkun jimxi fil-wita, l-moviment tieghu ser ikun daqsxejn limitat.  Qal li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2006, Paul Buttigieg kien kapaci jimxi minghajr ebda ghajnuna xi kwarta fuq art dritta.  Ix-xhud ikklassifika dawn il-feriti bhala ta' natura gravi.  Meta gie muri r-ritratti esibiti fl-atti bhala Dok Z u Z 1, ix-xhud qal li din hija l-ferita li effettivament sofra Paul Buttigieg.  Qal li qabel l-operazzjoni sieq Paul Buttigieg kienet minfuha u dan kien normali.  Zied jghid li l-ferita li kellu hija kompatibbli ma waqa' hazina fuq l-gharqub.

In kontr'ezami qal li jekk xi hadd jaqbez xi tlieta jew erbgha piedi, u jigi hazin fuq saqajh, jista jkollu l-istess tip ta' frattura li kien ghadu kif iddesriva fil-fatt din l-frattura tigi kagjonata meta l-piz ta' dak li jkun jaqa' fuq l-gharqub.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed Paul Buttigieg** (fol. 18) u qal li nhar  l-ghaxra ta' Mejju 2006, ghal habta ta' nofsinhar, huwa kien fil-gnien fil-parti ta' wara  tad-dar tieghu 135, Conception Street, l-Qala, fejn kien qed jinbena il-hajt tal-qasma u meta hu mar jiekol d-dar tieghu, tela' biex jara fejn effettivament kienx qed jinbena dan il-hajt ghaliex ftit tal-jiem qabel, kien mar il-

Magistrat Coppini biex jistabilixxi fejn effettivament kellu jinbena.

Qal li dan il-hajt fil-fatt jifred l-proprjeta tieghu minn ma dik tal-imputat presenti fl-awla u esibixxa ritratt li juri dan il-hajt li gi markat bhala Dok. Z 2. Qal li wara li kien ilu xi zewg jew tlett minuti li wasal, kien mar Emanuel Mercieca u beda joffendih u jghidlu kliem mhux xieraq u fost dan d-dsikors qallu ‘hawnhekk taghna, m’intomx ser tersqu aktar ‘l hawn’. Qal li dan d-diskors intqal quddiem l-bennejja tieghu li kienu qed jibnulu.

Zied jghid li meta Emanuel Mercieca qallu li hu ma setghax jersaq aktar ‘l hemm, hu kien wiegbu li l-Magistrat Coppini kien diga mar hemmhekk u qal li prima facie hu (ix-xhud) kelllu x’juri li hemmhekk kien tieghu (tax-xhud) u talab lil Emanuel Mercieca sabiex juurih dawk d-dokumenti li kellu biex jipprova li hemmhekk kien tieghu u jekk hekk kien il-kaz, hu (x-xhud) kien lest li ma jersaqx aktar lil hemm u Emanuel Mercieca rega’ beda jkellmu hazin u joffendih u dak l-hin waslet fuq il-post martu Carmen Buttigieg. Meta Emanuel Mercieca ra li ma setghax jattakkah minn fejn kien, dar minn bieb iehor u beda jiccalingjah minn hemmhekk u jghid li hemmhekk ma jidholx. F’dan l-istadju ix-xhud esibixxa ritratt iehor markat bhala Dok. Z 3. Qal li fuq l-bieb li jidher fid-Dok. Z 3, hemm kwistjoni l-Qorti w ghalhekk minn dak l-bieb ‘l fuq hu (ix-xhud) ma jghaddix.
Qal li f’xi hin Emanuel Mercieca stiednu ghal glied u peress li hu ra li dan kellu ftit taz-zemin, qal lil martu sabiex thallih u tersaq minn nofs u Emanuel Mercieca beda jgholli jdejh sabiex jaghtih u t-tnejn li kienu mbuttaw lil xulxin pero ma kienx jaf x’gara aktar. Qal li fi ftit sekondi waslet fuq il-post mart Emanuel Mercieca, Paola u sussegwentement Joe Pierre bin l-imputat presenti fl-awla, persuna ohra maghrufa bhala l-Pessu w ilkoll ippruvaw jikkalmaw s-sitwazzjoni. Zied jghid li meta kkalmat s-sitwazzjoni mar l-imputat Joseph Portelli fferocjat minn naha ta’ fuq u qallu li hemmhekk ma jridux ghaliex hemmhekk kien tieghu u f’xi hin qabdu minn dahru. Ix-xhud zied jghid li hu qal lil imputat biex jitilqu pero l-imputat imbuttah ‘l isfel, fejn hemm ftit nizla. Qal li

lilu hasdu u ma setghax izomm u waqa mal-art peress li l-art dislivellata u qabbzu xi erbgha filati hekk kif jidher fir-ritratt Dok. Z 3. Qal li li meta gie mqabbez mill-imputat, hu kien darhu lejn l-imputat. Mistoqsi mill-Qorti jekk waqax, qal li fil-fatt baqa' fuq saqajah pero ha tizbita u hass ugigh f'siequ mill-ewwel.
Qal li hemmhekk sab kantun u pogga fuqu peress li kien mugugh. Kompla jghid li sussegwentement l-imputat dar fuq martu u beda jimbuttaha ghal fuq il-knaten li kien hemm u jmiddha u gabha kollha trab waqt li hi bdiet tghidlu 'ara twegghani ghax tigi fit-trouble'. Qal li fejn l-imputat kien qed jimbotta lil mara tieghu, kien proprjeta tieghu (tax-xhud). Spjega li meta wegga' hu ma setghax iqum minn fejn kien u beda jzomm ma spallejn martu u spicca l-isptar fejn ghamel tlett ijiem.

Qal li beda jghamel l-messaggi biex tinzillu l-nefha li kellu l-isptar. Qal li meta gie rilaxxjat mill-isptar qalulu biex jerga jmur fejn l-Professur Aquilina u dan qallu li kellu xi ksur f'saqajh u li kellu bzonn operazzjoni u fil-fatt sussegwentement gie operat. Qal li kien ghadu jbati minn saqajh sa dakinhar li kien qed jixhed ghaliex kellu ugigh fl'ghaksa u ma setghax joqghod fuq saqajh u lanqas jimxi. Qal li meta rega' mar qalulu li kellu xi sena w nofs sentejn sakemm jghaddilu l-ugigh.
Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed s-Supretendent Antonello Grech** (fol. 22) fejn qal li nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 kien sehh argument bejn l-imputat presenti fl-awla u Paul Buttigieg u dan tal-ahhar kien spicca l-isptar fejn irrizulta li kellu slight injuries. Qal li hu kien gie nfurmat b'dan sussegwentement minn PS 1377 Emanuel Cila peress li Paul Buttigieg kien hadlu certifikat minghand l-Professur Aquilina minn fejn irrizulta li kellu ksur f'siequ u li kellu jigi operat fejn saritlu *plate*. Qal li sussegwentement hu kien baghat ghall-imputat presenti fl-awla fejn kien irrilaxxja stqarrija wara li kien inghata s-solita twissija liema stqarrija l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax. Ix-xhud esibixxa din l-istqarrija bhala Dok. AG 1 (fol. 23) fejn ikkonferma l-firma tieghu kif wkoll tas-Surgent Emanuel Cilia. Qal li meta gie mitkellem, l-imputat kien innega li kien imbotta lil Paul Buttigieg.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehdet Carmen Buttigieg** (fol. 24) fejn qalet li nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006, ghal habta ta' nofsinhar kien mar zewgha jiekol d-dar u mar jittawwal biex jara x'kien qed isir fil-hajt li kien qed jinbena bejn il-proprjeta taghha u dik tal-imputat. Qal li dan il-hajt ma jidhirx mid-dar taghha. Qalet li wara ftit rat lil Emanuel Mercieca jissahhan ma zewgha fil-presenza ta xi bennejja li kellu, ghaliex ma riedtx lil zewgha jghaddi minn dak l-passagg u f'xi hin Emanuel Mercieca pprova jinzel minn fejn kien pero kien gholi, izda irnexxielu jinzel minn tarag u dahal fil-proprjeta taghha u sussegwentement zewgha kien wegga' hemmhekk. Qalet li Emanuel Mercieca il-hin kollu jghidilhom li ma riedhomx f'dik l-area. Qalet li zewgha pprova jidhol fl-area li kienet proprjeta taghhom.

Qalet li hi dak l-hin kienet wara zewgha u zewgha u Emanuel Mercieca bdew jimbuttaw lil xulxin u xi hin mar fuq il-post Joe Pierre Portelli, bin l-imputat, u Salvu Camilleri u bdew izommu lil Emanuel Mercieca. Qalet li sussegwentement nizel l-imputat presenti fl-awla fferocjat u qalilhom li hemmhekk ma riedhomx jidhlu u beda jimbotta lil zewgha u kaxkru minn dahru sa hdejn il-bieb taghhom tul l-passagg kollu u qabbzu cint li jidher fir-ritratt esibit. Qalet li warajh kien hemm wkoll Joe Pierre li kien qed jipprova jzomm lil missieru, l-imputat.

Spjegat li x'hin l-imputat heles minn zewgha Paul, mar ghaliha meta kienet qed titkellem hdejn il-bieb u beda jipprova jkaxkarha u jimbuttaha minn wara ghal fuq il-gebel li jidhru fl-istess ritratt esibit u hi bdiet tghajjat u tghidlu li hi kienet mara u li ma setghax jerfa idejh fuqha u waqaf jaghtiha u jimbuttaha. Qalet li l-imputat, meta ghamel dan, kien fil-proprjeta taghha.

Mistoqsijja tispjega kif wegga zewgha, qalet li l-imputat beda jimbuttah u qabbzu c-cint u zewgha spicca bil-qeghda u minn dak l-hin ma tharrikx izjed. <u>Qalet li kienet certa li kien l-imputat li kien imbotta lil zewgha.</u>

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed PS 1377 Emanuel Cilia** (fol. 26) fejn qal li nhar l-ghaxra ta'

Mejju 2006, ghal habta tas-siegha w nofs waqt li kien stazzjonat l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex, kien dahal rapport minghand certu Paul Buttigieg li allega li waqt li kien f'passagg fi Triq il-Wardija, kien gie aggredit mill-imputat Joseph Portelli. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. PS fol. 27). Qal li hu kien tkellem kemm mal-imputat kif wkoll ma Paul Buttigieg u xi nies ohra li hemm imnizzla fl-istess okkorrenza. Meta gie muri d-Dok. AG 1, li hija stqarrija rilaxxjata mill-imputat odjern, ghalkemm l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex, ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-allura Spettur Antonello Grech. Ikkonferma li meta hu mar biex jikkonferma dan r-rapport, Paul Buttigieg kien ferut. Mistoqsi jekk kienx hemm xi tank tal-ilma fuq il-post, wiegeb li kien hemm, kif tidhol fil-proprjeta fuq x-xellug tal-passagg.

Illi nhar d-dsatax t'April 2007 **xehed Emanuel Mercieca** (fol. 43) fejn qal li jum qabel ma sehh l-incident in ezami, hu kien fil-passagg tieghu u li l-imputat huwa r-ragel tat-tifla tieghu. Qal li hu kien mar jara kif kien qed jinbena hajt fil-proprjeta tieghu ghaliex kellu xi bennejja hemmhekk. Qal li hin minnhom kien mar Paul Buttigieg w ghamilllu mossa oxxena b'subajh u hu (ix-xhud) ma wegbux u baqa ghaddejj. Qal li mbaghad Carmen Buttigieg u zewgha Paul qabdu u tefghuh fuq tank tal-ilma u x'hin qam sab li kellu xofftejh maqsuma bid-demm. Qal li xi hin dahal Savlu Camilleri u beda jzomm lil Paul Buttigieg sabiex ma jibqax jaghtih. Qal li sa fejn jaf hu, l-imputat m'ghamel xejn u fl-ebda hin ma gie fl-idejn ma Paul Buttigieg. Mistoqsi mill-Qorti jekk Paul Buttigieg wegghax f'dan l-incident, wiegeb li x'ghamel ezatt ma kienx jaf. Mistoqsi jekk rax xi demm fuq il-post, wiegeb li ma rax.

<u>Qal li l-imputat wasal fuq il-post tal-incident, kwazi meta spicca kollox </u>u qaghad hdejh l-hin kollu. Ix-xhud ikkonferma li hu fl-ebda hin ma ccalingja lil Paul Buttigieg ghal glied ghalkemm meta dan tal-ahhar kien fl-ghalqa tieghu, beda jghidlu li ma kienx jibza minnu. Qal li kienu Paul Buttigieg u martu li dahlu ghalih.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2007 **xehed Saviour Camilleri** (fol. 48) fejn qal li jiftakar li kien fil-bitha tad-dar tiegħu meta sema lil Emanuel Mercieca jgħajjat "*dak taf x'għandek tagħmel bih*". Qal li hu ma setghax jara lil min kien qed ikellem Emanuel Mercieca pero semgha lil xi hadd jirrispondih "*f….'ommok, f…'ommok. F'…ommok*". Zied jghid li dawn iz-zewg minn nies baqgħu jgħajjtu lil xulxin u hu pprova jwaqqafhom. Qal li hu kien f'distanza minnhom ta' xi tletin pied. Kompla jghid li Carmen Buttigieg wegbitu "*mela noqgħodu kwieti*!" u hu rega' dahal f'kamartu w imbagħad wara xi erba' minuti semgha lil Pawla Mercieca tgħajjat biex ma jsawtux lil zewgha.

Qal li hu ghalhekk rega' hareg mill-kamra u mar u sab lil Emanuel Mercieca wiccu mal-art fuq tank bl-ilma. Ra lil Carmen u lil Pawlu Buttigieg jsawtu lil Mercieca. <u>Qal li fil-prezent Joseph Portelli ma kienx hemm però wara ftit nizel.</u> Mistoqsi jekk rax lil Joseph Buttigieg isawwat jew ihebb għal xi had wiegeb fl-affermattiiv. Qal li ma dan Buttigieg għandu kawza civili għaddejja miegħu. Zied jghid li l-familja Portelli huma girien tiegħu u li jqatta' hafna zmien għandhom. Cahad li Emanuel Mercieca nizel fuq il-post qablu ghaliex hu (ix-xhud) kien hemm qablu. Kompla jghid li hu ra lil Carmen Buttigieg issawwat lil Emanuel Mercieca fuq dahru waqt li wicc Emanuel Mercieca kien 'l isfel.

Qal li meta Emanuel Mercieca qam minn wiccu minn mat-tank, Paul qabdu minn sidru u kien se jaghtih daqqa ta' ponn u hu (x-xhud) qallu "*tmissux*," Ikkonferma li ra lil Pawlu Buttigieg jimbotta lil Emanuel Mercieca lejn it-tank. Qal li waqt il-kwistjoni hu baqa hemm il-hin kollu. Mistoqsi jekk Paul Buttigieg spiccax b'xi feriti wiegeb li ma kienx jaf. Qal ukoll lil Buttigieg la rah jigi msawwat u lanqas imbuttat u lanqas jispicca b'xi feriti. L-imputat baqa' hdejh, bejnu u fejn il-kunjatu tiegħu. Qal li lanqas ma ra lil Joseph Portelli jwaddab lil mara ta' Buttigieg fuq xi kantuni. Qal li lil Buttigieg rah fl-art bilqegħda ghalkemm ma kienx jaf jekk kienx mugugħ jew le. Mistoqsi jekk rax xi nkwiet bejn Joseph Portelli u Peter Paul Buttigieg wiegeb li ma rax u kull ma ra kien lill-imputat jifred lil Carmen

Buttigieg minn ma' Emanuel Mercieca u jgħidilha biex tohrog mill-proprjetà tagħhom.

Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2008 **xehed Paul Buttigieg** (fol. 67) fejn qal li b'riferenza għax-xhieda li hu diga taha, liema xhieda tinsab inserita fl-atti a fol 18 tal-proċess, mistoqsi fejn kien Emanuel Mercieca meta beda jgħajjat, wiegeb li huwa kien fit-tarf ta fejn jibda ic-cint meta Joseph Portelli mbuttah u qabbzu. Meta gie muri r-ritratti li hemm esebiti fl-atti qal li hu kien eżattament fejn hemm il-mara tiegħu fil-pożizzjoni muri fir-ritratt "A". Qal li effettivament meta mar jiċċalinġjah, ħareġ mill-bieb, fetħa, li hemm f'dan ir-ritratt, dokument "B" u meta mbuttah hu gie mbuttat lura u ġie fuq it-tank. Qal li huwa ġie mill-parti ta' fuq fejn hemm passaġġ fejn huma ma jriduhomx jgħaddu aktar.

Qal li effettiament kienet saret kawża ċivili ta' spoll u din ġiet deċiża favur tiegħu, liema sentenza għadha *sub judice* peress li tinsab fi stadju tal-appell. Qal li hu kien imbotta lil Mercieca eżatt malli beda jgħajjat u kif ikkalmat is-sitwazzjoni kollha, ġie t-tifel ta' Portelli u x'ħin is-sitwazzjoni kienet kollha kalma, l-imputat mar min-naħa ta' fuq, qabdu minn dahru, u qabbżu ċ-ċint.

Qal li effettivament qam waħdu u meta qam kompla jiċċalinġjah, u qallu li hemmhekk ma jridux iktar. Qal li dan kollu sar waqt li kien hemm il-kawża għaddejja fuq l-ispoll. Qal li l-isptar però mar dak il-ħin stess. Zied jghid li martu kienet fuq il-post qabel ma wasal Portelli, l-imputat.
Illi nhar d-dsatax ta' Settembru 2008 **xehdet Carmen Buttigieg** (fol. 68) fejn qalet li x'ħin waslet, Portelli, ir-raġel u Mercieca kienu fil-passaġġ pero ezatt fejn ma tiftakarx. Qalet li fil-fatt zewgha qabad lil Portelli minn wara, imbuttah u waqqgħu ċ-ċint li kien hemm. Qalet li x'ħin Portelli imbotta lil zewgha, żewġha baqa' bilqegħda. Qalet li kien hemm gholi ta' erba' filati fejn ġie mbuttat. Qalet wkoll li effettivament l-isptar marr mill-ewwel u li fil-fatt zewgha ma setax jimxi u kellha tkun hi li kaxkritu fuq dahrha. Qalet li dakinhar ma kienux indunaw li kellu ksur, imbagħad tlett ijiem wara, meta saqajh baqgħet tuġgħu

ħafna reġghu marru l-isptar u qalulu li kellu frattura. Qalet li effettivament t-tabib kien iddikjara li kien ħa żball.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2009 **xehed l-imputat Joseph Portelli minn jeddu b'mod voluntarju** (fol. 82) fejn qal li nhar l-għaxra ta' Mejju 2006 kien ħa nofs ta' nhar *leave* u kien id-dar meta f'ħin minnhom semgha lil Carmen Buttigieg toffendi lil Mercieca. Mistoqsi mill-Qorti kif semghu, qal li huma qrib ta' xulxin. Qal li kien hemm Carmen u Paul Buttigieg qed jitkellmu ma' Mercieca u semgha lil Mercieca jgħid lil ta' Buttigieg biex ma jidholx hemmhekk u Buttigieg wieġbu, "*Missni ma nidħolx hemmhekk!*"

Qal li daħal u minn fejn kien fil-loġġa setgha jara dak li kien qed jiġri u ra lil Buttigieg jidħol fil-proprjetà ta' Mercieca u jatuh xebgħa. Qal li miegħu kien hemm ukoll martu Carmen. Zied jghid li mbagħad sema lil omm il-mara , mart l-istess Mercieca tgħajjat minn fuq il-bejt taghha u tghid , "*oħorġu, għax se joqtluh!*" Spjega li Mercieca jiġi ħatnu fil-fatt. Qal li minn fuq il-bejt .setgha jisma lil-mara ta' Mercieca. Qal li naturalment hu ħareġ meta semgha dak li kien qed jiġri u mar fuq Paul Buttigieg u qalghu minn ma' ħatnu li dak il-ħin it-tnejn li huma kienu qed jagħtu u meta sussegwentement qalghu minn fuq Buttigieg, niżlu 'l isfel.

Kompla jghid li kien jaf li Mercieca kien għamel il-bypass u ra lill-konjuġi Buttigieg jaghtuh f'sidru. Qal li għalkemm Paul Buttigieg telaq 'il hemm, Carmen baqgħet hemm. Qal li hu qagħad ħdejn Mercieca u dewwih peress li kien kollu demm f'xofftejh kif ukoll f'saqajh. Qal li meta Buttigieg telaq 'l hemm, hu (x-xhud) m'innota li kellu xejn ħażin. Zied jghid li l-pulizija bagħat għalih xahar wara, eżatti l-għaxra ta' Ġunju.

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2009 **xehdet Doctor Nathalie Ellis** (fol. 85) fejn qalet li hi kienet qed tixhed għan-nom u in rappreżentanza tas-Supretendent tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Qalet li mill-file ta' Paul Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita numru 218163M jirriżulta li dan kien ġie eżaminat minn Dottor Patrick Sciberras fl-

għaxra ta' Mejju 2006 għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar ġewwa l-casualty fl-isptar ta' Għawdex. Qalet li sussegwentement ġie eżaminat minn Dottor Joe Vella fejn kien ġie ordnat li jittieħed X-Ray u wara dan irriżulta li huwa kellu *fracture* tal-*cranium*, tal-*ankle joint*. Qalet li l-ewwel tabib li eżaminah, Dottor Sciberras, ma kienx ra li kien hemm X-Rays, li kien hemm ksur allavolja kien għamel X-Ray. Qalet li l-*fracture* rriżultat fit-tieni X-Ray. Ziedet tghid li sussegwentement rah il-konsulent, Mr Raymond Aquilina, fit-tlettax ta' Mejju 2006, bħala *outpatient*. Qalet li fil-fatt dan ukoll ikkonferma li kienet *collapsed fracture of the left cranium*, kif ukoll li din l-*injury* kienet sehhet tlett ijiem qabel u dan kien tah parir sabiex jistrieħ minn daħru u jserraħ saqajħ u jagħmillha s-silg u li x'aktarx ikun hemm bżonn t'operazzjoni b'intervent go fiha. Qalet li ghandha wkoll miktub illi l-*injury* seħħet wara waqgħa ta' għoli ta' metru, metru u nofs. Spjegat li hi kienet qed tixhed mhux *di scientia propria* iżda x'jirriżultalha mill-*file*. Mistoqsija jekk għandhix l-X-Rays wiegbet li le ma kellhiex.

Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2010 **xehed in kontr'ezami Paul Buttigieg** (fol. 89) fejn qal li kien minnu li jumejn qabel dan l-inċident hu kien ghamel Mandat t'Inibizzjoni u dan il-Mandat ġie deċiż kontra tiegħu. Spjega li dan il-ħajt li kien hemm il-kwistjoni fuqu, kien qed jinbena mill-ħaddiema ta' Manuel Mercieca. Qal li Manwel Mercieca wasal fuq il-post wara li wasal hu, ftit minuti wara. Ikkonferma li mbagħad spiċċa ħdejn il-ħajt is-Sur Mercieca. Qal li hu dan beda jiċċalinġjah biex ma jgħaddix mill-passaġġ. Zied jghid li bejn dan il-passaġġ hemm diżlivell fejn kien is-Sur Mercieca u kien hu u li hu (xi-xhud) kien taħtu. Zied jghid li hu mar l-isptar dak il-ħin stess u l-ewwel tabib iċċertifika li ma kellu xejn pero rega' mar tlett ijiem wara u rriżulta li kellu l-għaksa miksura ghaliex l-ewwel tabib ma kienx induna b'dan il-ksur. Kompla jghid li Dottor Sciberras kien talbu skuża għaliex ma kienx induna li kellu ksur. Qal li sussegwentement ma reġghax mar għand Dottor Sciberras u mar għand tabib ieħor. Qal li hu fil-fatt kien baqa muġugħ, w ghalhekk rega' mar u kien hemm il-*physiotherapist* u meta rat l-X-Rays qallu li kellu ksur.

Qal li hu kien baghat għal Dottor Ray Aquilina fejn ikkonfermalu li effettivament kellu ksur fl-għaksa. Ikkonferma li kellu xi jgħid ma’ Manuel Mercieca u li dan kien imbuttah minn wara u hu spicca wiċċu ‘l quddiem ghaliex kien qallu li hemmhekk ma riedux. Qal li kien intlaqat lura u ġie fuq dahru meta ntefghat lura w għalhekk laqat l-għaksa. Qal li wara qagħad fuq kantun bilqiegħda. Ikkonferma li lil Mercieca mbuttah fuq tank tal-ilma li nkiser bih u li dan imbagħad qam minn postu u komplew jargumentaw u kien dak il-ħin li wasal Joseph Portelli. Qal li kien hemm ukoll Joe Pierre t-tifel tal-imputat li kien firidhom, fired lilu minn ma’ Mercieca. <u>Kompla jghid li meta wasal Portelli, l-affarijiet kienu diġà kkalmaw</u> ghaliex dan ħa ftit minuti biss, kemm qabad u mbuttah. Qal li meta mbuttah s-Sur Mercieca, it-tank kien viċin u għalhekk spiċċa fuq it-tank, hemm iktar minn ħmistax-il pied minn fejn kien hemm it-tank u fejn spiċċajt hu (ix-xhud). Ix-xhud esebixxa skizz li l-Qorti immarkat bħala dokument “Z”.

Illi nhar l-hmistax ta’ Jannar 2010 **xehed in kontr’ezami l-imputat Joseph Portelli** (fol. 92) fejn meta gie muri d-dokument “Z” qal li minn fejn weġġa’ Buttigieg ma kienx hemm erba’ filati; hemm biss tnejn, u dan b’riferenza għall-ittra “B” fuq il-pjanta dokument “Z”. Qal wkoll li fejn hemm it-tank m'hemmx dizlivelli. Qal li meta hu mar fid-direzzjoni ta’ fejn seħħ dan l-inċident, ġie minn Triq Wardija. Qal li fuq il-post kien hemm Emanuel Mercieca, Paul Buttigieg, Carmen u Joe Pierre Portelli u kien hemm ukoll Camilleri magħruf bħala *Il-Pessu.* Zied jghid li t-tifel tiegħu Joe Pierre għandu tlieta u għoxrin sena u għandu statura medja. Qal li meta wasal fuq il-post sab lill-konjuġi Buttigieg qishom tigri fferoċjati jagħtu lil Emanuel Mercieca, it-tnejn jagħtu bla ħniena. Qal li dak il-ħin Joe Pierre u s-Sur Camilleri ma għamlu xejn – iħarsu lejhom biss, però Salvu Camilleri qala’ lil Emanuel Mercieca minn ġot-tank.

Qal li hu (x-xhud) dak il-ħin qabad lil Pawlu minn ma’ Manuel u Pawlu telaq ‘il isfel u ma rahx iżjed ghaliex telaq ‘l hemm. Qal li sussegwentement Pawlu baqa’ nieżel fid-direzzjoni ta’ fejn hemm punt “B”, ‘l isfel, pero ma kienx jaf

fejn mar imbagħad. Qal li Pawlu Buttigieg kien ħdejn it-tank fejn hemm punt "C". Zied jghid li mill-ħajt 'l ġewwa, fejn hemm punt "C", huwa ta' Pawlu Buttigieg, proprjetà tiegħu. Sostna x-xhudn li ibnu ma għamel xejn għax beża'; kien imwerwer. Mistoqsi għaliex hu lil ibnu ma semmihx qabel, qal li ma kienx hemm raġuni għaliex kellu jsemmih qabel. Ikkonferma li t-tifel tieghu ma għamel xejn; qala' daqqiet x'ħin daħal bejn Mercieca u Portelli biex jifred u dan dejjem skond ma qallu ibnu stess ghaliex hu ma rahx. Cahaad li meta wasal fuq il-post il-ġlieda kienet spiċċat. Qal li ma jaqbilx ma' dak li qal Mercieca li hu (x-xhud) wasal fuq il-post meta l-kwistjoni kienet kważi spiċċat. Qal li bilfors Camilleri ma rahx jimbuttah fil-fatt hu (ix-xhud) m'mbuttahx lil Buttigieg, qabdu, qalghu minn ma Mercieca u telaq 'il hemm, telaq 'il isfel. Qal li lil Carmen Buttigieg ma messiex, però qalaghha minn ma' Mercieca ukoll. Ikkonferma li Buttigieg baqa' jiġri u ħalla lil mara hemmhekk, taqla'. Anzi, kompla jghix x-xhud, baqgħet hemm tillatika u tgħajjarna. Cahad li Buttigieg f'xi ħin waqa' jew nizel minn fuq xi ċint ghal inqas hu ma rahx, rah biss sejjer 'l hemm. Kompla jghid li effettivament il-passaġġ jikser fejn hemm l-ittra "B" w għalhekk ma tarax aktar minn hemm.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi ma hemmx dubbju li dakinhar tal-ghaxra (10) ta' Mejju 2006 inqalghet glieda bejn l-imputat u l-konjugi Buttigieg, il-kwerelanti f'din il-kawza u dan peress illi l-imputat ma jridx ihalli lil konjugi Buttiegieg jghaddu minn xi passagg li huwa jtenni li huwa tieghu u li huma m' ghandhomx dritt t'uzu. Jirrizulta wkoll li dwar din il-kwsitjoni hemm ukoll kawza ta' natura civili tant li anke kien hemm xi access mizmum mill-Qorti dwar fejn kellu jinbena xi hajt divizorju lejliet l-inicident.

Illi kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan ghaliex f'certu partijiet hemm xhieda konflingenti.

Jirrizulta pero bic-car fil-fehma tal-Qorti, li l-imputat wasal fuq il-post wara li l-glieda originali bejn Manuel Mecieca u

l-konjugi Buttigieg kienet diga spiccat u s-sitwazzjoni kienet kkalmat ruhha.

Interessanti huwa il-fatt li bin l-imputat kien prezenti waqt il-glieda pero ma ttellghax jixhed ghal zmien twil u kien proprju fl-ahhar li jissemma.

Illi jirrizulta anke minn dak li xehed Paul Buttigieg stess, li Manuel Mercieca spicca ferut u mixhut fuq tank ta l-ilma li soicca inkiser bih. Jirrizulta wkoll li kien hemm hafna ghajjat minn naha tal-konjugi Buttigieg kif del resto stqarr il-bennej maghruf bhala il-Pesu. Ma jirrizultax pero li l-imputat f’xi hin kien qed ighajjat u jikser il-paci pubblika.

Dwar il-ferita li ssubixxa Paul Buttigieg ma hemmx dubbju li din sehhet wara li l-imputat imbuttah ‘l hemm u dan ha tisbita billi qabel xi tlett filati u spicca bil-piz tieghu jghafas fuq l-ghaksa ta’ saqajh bir-risultat li kisirha.

Mr. Raymond Aquilina kkonferma li tali ferita hija ta’ natura gravi u li Buttigieg ser idum ftit ibati minnha fejn l-art ma tkunx lixxa u morbida.

L-imputat mistoqsi jispjega kif effettivament Paul Buttigieg spicca ferut, ma setghax jaghti spjegazzjoni u jghid li rah jitlaq jigri u jhalli lil martu warajh.

Din il-Qorti thoss dan difficli biex temmen ghaliex min hu dak ir-ragel li ser jitlaq ‘l hemm u jhalli lil martu fil-perikolu, aktar w aktar, meta huwa kien tal-opinjoni li ghandu kull dritt li jibqa hemm.

Carmen Buttigieg pero ma gabet l-ebda prova dwar il-feriti li ssubiet hi jew prova dwar l-agagressjoni li tghid li qalghet minghand l-imputat odjern u hadd ma jghid li ra lill-imputat isawwatha.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 1 a fol 7 tal-atti minn fejn jirrizulta li ghandu *conviction* wahda registrata fuqha li tirrigwarda ksur ta’ *trading licence* fejn inghata multa minima.

**Ghalhekk, il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 214, 218, 338(dd), 339(1)(d), 382A, 383, 384, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH PORTELLI hati talli kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Paul Buttigieg u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni w ghalhekk kif deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia, din il-Qorti qed tichad tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------